# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**(Agent President)**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 8 ta' Marzu 2016**

**Numru 1**

**Rikors Numru 77/10 JVC**

**James Buttigieg u John Paul Azzopardi fil-kapacità tagħhom ta' President u Segretarju rispettivament tal-Għaqda Filarmonika Mnarja; u b'nota tal-10 ta' Dicembru 2010 John Xuereb assuma l-atti tal-kawza minflok John Paul Azzopardi peress illi ssuccieda bħala Segretarju tal-Għaqda attrici**

**v.**

**Dottor Michael Caruana u Joseph Apap fil-kapacità tagħhom ta' President u Segretarju rispettivament tas-Socjetà Filarmonika Leone u b'digriet tal-20 ta' Marzu 2015 Roderick Cordina assuma l-atti fil-kwalita` tiegħu ta' Segretarju tas-Socjeta` Filarmonika Leone minflok Joseph Apap**

Dawn huma proceduri ta' ritattazzjoni a tenur tal-Artikolu 811 (e) (g) u (i) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) wara s-sentenza li din il-Qorti, diversament ippreseduta, tat fid-29 ta' Mejju, 2015. Ghall-ahjar intendiment ta' dawn il-proceduri sejra tigi riprodotta s-sentenza ta' din il-Qorti li hemm migbura fiha t-talbiet u l-

eccezzjonijiet tal-partijiet, id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex). Gurisdizzjoni Superjuri, u l-konsiderazzjonijiet li wasslu lil din il-Qorti ghad-decizjoni taghha.

> "1. Dan huwa appell tal-għaqda attriċi minn sentenza mogħtija fit-30 ta' Settembru 2011 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali li ċaħdet talba tal-attriċi għal dikjarazzjoni illi kompożizzjoni mużikali hija proprjetà tagħha u illi l-għaqda konvenuta ma għandha ebda dritt fuq l-istess kompożizzjoni. Il-fatti relevanti huma dawn:
>
> "2. L-għaqda attriċi tippretendi illi hija kisbet id-drittijiet kollha ġewwa Għawdex, ħlief għall-festa ta' San Ġorġ tar-Rabat, relativi għall-kompożizzjoni mużikali li jisimha *Bonnici Brothers* jew *10th Anniversary* jew *Letter A*. Dawn id-drittijiet l-għaqda kisbithom bis-saħħa ta' ftehim mal-kompożitur, Maestro Joseph Sammut, b'kitba tad-29 ta' Jannar 1992. Minkejja dan, l-għaqda konvenuta qiegħda tippretendi illi s-Surmast Sammut għamel donazzjoni lilha tal-istess kompożizzjoni mużikali. Billi l-attriċi tippretendi illi t-titolu tagħha jegħleb dak li tista' tivvanta l-konvenuta, fetħet din il-kawża u talbet illi l-qorti:
>
>> ""1. tiddikjara u tiddeċiedi illi t-titolu għall-marċ brijuż *Bonnici Brothers sive 10th Anniversary sive Letter A* ġie mibjugħ u trasferit lill-Għaqda Filarmonika Mnarja, Nadur, permezz ta' skrittura privata bejn l-istess Għaqda Filarmonika Mnarja, Nadur, u l-Maestro Joseph Sammut fid-29 ta' Jannar 1992;
>>
>> "2. konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi illi s-Soċjetà Filarmonika Leone ma tgawdi ebda drittijiet fuq l-istess marċ brijuż ... ... ..."
>
> "3. L-ewwel qorti, għalkemm ċaħdet xi eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuta, ċaħdet it-talbiet tal-attriċi "inkwantu rriżulta li l-Għaqda Filarmonika Mnarja permezz tal-iskrittura tad-29 ta' Jannar 1992 akkwistat biss id-dritt li ddoqq l-istess marċ iżda mhux id-drittijiet tal-awtur" u ikkundannat lill-attriċi tħallas l-ispejjeż, ħlief dawk relativi għall-eċezzjonijiet preliminari. Fissret hekk ir-raġunijiet li wassluha biex tiċħad it-talbiet tal-attriċi:
>
>> "Illi mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:
>>
>> "● Il-Maestro Joseph Sammut kiteb il-marċ in kwistjoni fl-1952 meta kien surmast tal-Banda San Ġużepp, il-Ħamrun. Wara erba' snin magħhom tahom id-dritt li jdoqqu dan il-marċ iżda m'għaddiex il-proprjetà tiegħu.
>>
>> "● Sussegwentement is-Surmast Sammut mar surmast mal-Banda Leone. Dan kien għal ħabta tas-sena 1958. Fl-1968 huwa ta d-dritt li l-Banda Leone tibda ddoqq dan il-marċ u dan b'donazzjoni.

Anki f'dan il-każ huwa ma tahomx id-dritt ta' proprjetà tal-marċ. Dak iż-żmien ma kien [hemm] ebda skrittura privata bejn il-partijiet.

"● Is-Surmast Sammut xehed ukoll li l-partitura oriġinali kien taha lill-Banda Leone.

"● Kemm Joseph Apap, Segretarju tal-Banda Leone, kif ukoll Dr Michael Caruana xehdu u kkonfermaw li fl-1968 is-Surmast Sammut tahom biss id-dritt li jdoqqu dan il-marċ.

"● Bħala fatt jirriżulta mid-dokumenti eżebiti li l-Banda Leone kienet iddoqq dan il-marċ għal ħafna snin. Għalkemm mid-dokumenti eżebiti mis-soċjetà attriċi jirriżulta li kien hemm xi snin li dan il-marċ ma ndaqqx mill-istess soċjetà – per eżempju, fis-sena 1992 – mhux imsemmi meta hemm marċ iehor li huwa indikat li se jindaqq b'talba ġenerali. L-istess jingħad għas-snin 1994, 1996, 1997 u 1998.

"● Is-Surmast Sammut kien iffastidja ruħu. Ir-raġuni mhix importanti ai finijiet tal-kawża odjerna. Huwa spiċċa minn surmast mal-Banda Leone fl-1992.

"● F'din l-istess sena, preċiżament fid-29 ta' Jannar 1992, ġiet redatta skrittura privata bejn l-Għaqda Filarmonika Mnarja, Nadur, u l-Maestro Joseph Sammut. Din taqra hekk:

> ""Jiena, Mro Joseph Sammut, hawn taħt iffirmat qed inbigħ il-Marċ Brijuż li kien iġib l-isem *10th Anniversary A* bi prezz ta' Lm100 lil Banda Mnarja, Nadur, Għawdex bil-kundizzjoni li dan il-marċ ma jindaqqx fil-festa ta' San Ġorġ, f'Għawdex, u li jien Mro Joseph Sammut nintrabat mas-Soċjetà Filarmonika Mnarja, Nadur Għawdex, li f'Għawdex ma ntih lil ħadd aktar."

"● Firmatarji ta' din l-iskrittura kienu l-Mro Sammut u s-Segretarju tal-Banda Mnarja Nadur Peter Paul Portelli.

"● Mill-1992 'il quddiem il-Banda Mnarja daqqet dan il-marċ fil-festa tagħha u okkażjonalment barra mir-raħal. Infatti fil-verbal tal-10 ta' Diċembru 2010, Dr Jean Paul Grech għas-soċjetà konvenuta ddikjara li mhux qed jiġi kontestat li l-marċ *Letter A* qed jindaqq kull sena fil-festa tan-Nadur.

"● Għal tmintax-il sena sħaħ baqgħet iddoqq dan il-marċ mingħajr qatt l-ebda banda oħra ma avvanzat xi pretensjoni fuq l-istess marċ.

"● Is-sena li għaddiet il-Banda Leone ippreżentat mandat ta' inibizzjoni kontra s-soċjetà Banda Mnarja fejn talbet li din tal-aħħar tiġi inibita milli ddoqq dan il-marċ barra mil-limiti tar-raħal tan-Nadur. Permezz ta' digriet tagħha tat-8 ta' Lulju 2010 l-qorti ċaħdet it-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kif mitlub.

"● Illi l-Banda Leone kienet qiegħda tibbaża t-talba tagħha għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fuq il-kuntratt pubbliku li ġie ppubblikat minn Nutar Anthony Hili fil-5 ta' Ġunju 2010. Dan il-kuntratt sar bejn is-Soċjetà Filarmonika Leone u s-Surmast Sammut. Fih ingħad li l-proprjetà u d-drittijiet tal-awtur ta' dawn il-marċijiet ġew trasferiti lis-Soċjetà Filarmonika Leone fiż-żmien li s-Surmast Sammut kien surmast direttur tal-Banda Leone.

"• Fil-klawżoli relativi għall-marċ inkwistjoni f'dan il-kuntratt pubbliku ġie miftiehem bejn il-partijiet is-segwenti:

""(2) Il-marċ magħruf bhala *Bonnici Brothers sive 10th Anniversary* magħruf aħjar bħala l-Marċ *Letter A*, huwa proprjetà esklusiva tal-Banda Ċittadina Leone tar-Rabat, Għawdex u għalhekk l-ebda banda Għawdxija u Maltija jew grupp ta' bandisti Għawdxin u/jew Maltin miġbura f'Għawdex għal kull okkażjoni ta' kwalsiasi xorta u natura, inklużi okkażjonijiet sportivi, soċjali u manifestazzjonijiet oħra, ma jistgħu jdoqqu dan il-marċ, salv dak li jingħad fil-paragrafu sussegwenti;

"(3) Il-partijiet jaqblu li l-Marċ *Letter A* jista' jindaqq biss f'Għawdex, minbarra l-Banda Leone, mill-Banda Mnarja tan-Nadur, Għawdex, fis-servizzi bandistiċi li din il-banda jkollha ġewwa r-raħal tan-Nadur u mhux permess lill-istess Banda Mnarja tan-Nadur li hija ddoqq dan il-marċ f'servizzi bandistiċi f'Malta jew f'lokalitajiet oħra f'Għawdex. Il-partijiet qegħdin jaqblu fuq din il-konċessjoni *in vista* tal-fatt li s-Surmast Sammut kien laħaq ftehim f'dan is-sens mas-Surmast Joseph Grech, iben Vincent, is-surmast attwali tal-Banda Mnarja tan-Nadur, u għalhekk l-istess Soċjetà Leone qed tirrikonoxxi dan il-ftehim;

"(4) *In vista* ta' dak stipulat f'dan il-ftehim, is-Surmast Sammut jobbliga ruħu li ma jagħti l-ebda drittijiet jew konċessjonijiet oħra lil terzi persuni u/jew għaqdiet tal-banda jew għaqdiet oħra fuq dawn il-marċijiet, inkluż drittijiet ta' eżekuzzjoni. Is-Surmast Sammut jobbliga ruħu wkoll li ma jikkomponi l-ebda marċ jew silta mużikali oħra li fis-sustanza mużikali tagħhom jkunu prattikament identiċi għall-marċi imsemmija f'dan l-att."

"[... ... ...].

"Illi kif diġà ġie rilevat is-soċjetà rikorrenti qiegħda tibbaża l-pretensjonijiet tagħha fuq l-iskrittura redatta fid-29 ta' Jannar 1992 li saret bejn il-Banda Mnarja, Nadur, Għawdex, u s-Surmast Joseph Sammut.

"Is-soċjetà rikorrenti ssostni li l-kliem ta' din l-iskrittura uwa ċar u inekwivoku u għalhekk *ai termini* tal-artikolu 1002 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta 'Meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skond l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għal interpretazzjoni'.

"Din l-iskrittura taqra hekk:

""Jiena, Mro Joseph Sammut, hawn taħt iffirmat qed inbigħ il-Marċ Brijuż li kien iġib l-isem *10th Anniversary A* bi prezz ta' Lm100 lil Banda Mnarja, Nadur, Għawdex bil-kundizzjoni li dan il-marċ ma jindaqqx fil-festa ta' San Ġorġ, f'Għawdex, u li jien Mro Joseph Sammut nintrabat mas-Soċjetà Filarmonika Mnarja, Nadur Għawdex, li f'Għawdex ma ntih lil ħadd aktar."

"Illi fil-fehma ta' din il-qorti, din l-iskrittura mhiex daqshekk ċara daqs kemm is-soċjetà attriċi qiegħda ssostni u għalhekk hemm lok għall-interpretazzjoni tagħha. Irriżulta mill-provi prodotti li huwa essenzjali fl-ambitu ta' marċi li ssir distinzjoni bejn l-għoti tad-drittijiet ta' awtur fuq marċ u l-għoti tad-dritt lil banda partikolari sabiex hija ddoqq dak il-marċ.

"Fil-kaz tal-marċ *Letter A* il-kelma wżata f'din l-iskrittura privata mis-surmast hija li l-istess marċ 'qed inbigħ'. Biss però ftit linji wara l-użu tal-kelma 'bejgħ' is-surmast impona kundizzjoni lill-Banda Mnarja, Nadur, sabiex ma ddoqqx dan il-marċ fil-festa ta' San Ġorġ tar-Rabat, Għawdex, u min-naħa tiegħu obbliga ruħu li huwa ma kien se jagħti dan il-marċ lil ħadd aktar fil-Gżira ta' Għawdex. Dan ifisser li fir-rigward tal-Gżira ta' Malta, is-surmast żamm id-dritt u kien liberu li jgħaddi dan il-marċ lil min ried. Dan huwa indikattiv li s-surmast kien qiegħed iżomm f'idejh ċertu forma ta' kontroll fuq l-istess marċ u ma kienx qiegħed iċedi d-drittijiet tal-awtur fuq din l-iskrittura. Tant dan huwa minnu li sussegwenti għal din l-iskrittura s-surmast innifsu xehed li bigħ dan l-istess marċ lil xi żewġ baned oħra f'Malta. U ma jirriżultax li l-banda rikorrenti ħadet xi proċeduri biex tipproċedi kontra dawn il-baned Maltin għal ksur ta' drittijiet tal-awtur.

"Sinifikanti wkoll hija x-xiehda tal-istess surmast li qal b'mod ċar li huwa ma kienx ta lill-Banda Mnarja l-proprjetà tal-marċ permezz tal-iskrittura *de qua* iżda tahom biss id-dritt li jdoqqu l-istess marċ. Fl-istess xiehda huwa kkonferma li l-partitura originali tal-marċ huwa kien taha lill-Banda Leone fl-1968 li dak iż-żmien kien ukoll taha biss id-dritt li ddoqq dan il-marċ. Lill-Banda Mnarja s-surmast tahom biss l-i*score* li huwa wkoll indikattiv li ma kienx begħilhom id-drittijiet tal-awtur. L-istess surmast xehed ukoll li huwa qatt ma waqqaf lill-Banda Leone milli ddoqq il-marċ. Kif inhu risaput ir-rinunzja ta' dritt trid tkun waħda ċara u inekwivoka u f'dan il-każ din żgur li ma tirriżultax anzi jirriżulta proprju l-kuntrarju. *Inoltre* fuq l-istess skrittura privata d-dritt tal-awtur ma jissemmiex u din il-qorti hija konvinta li li kieku dan id-dritt kien qiegħed jiġi trasferit ukoll kien jitniżżel b'mod speċifiku u dan biex jassigura d-drittijiet tal-istess banda fuqu. Il-Banda Mnarja kienet taf li dan il-marċ kien jindaqq mis-Soċjetà Filarmonika Leone u għalhekk setgħet ukoll tantiċipa li l-istess soċjetà se tavvanza xi pretensjonijiet u għalhekk is-soċjetà attriċi kienet tkun f'posizzjoni fejn ħadd ma seta' jattakka d-dritt tagħha.

"Illi l-argument li peress li s-surmast tħallas mitt lira Maltin ifisser li l-Banda Mnarja kienet akkwistat l-esklusività u l-proprjetà assoluta fuq il-marċ hija biss assunzjoni. Huwa veru li mitt lira Maltin fis-sena 1992 ma kinux ftit iżda ngħatat spjega għal dan l-ammont. Filwaqt li s-Surmast Sammut ikkonferma li huwa kien irċieva din is-somma, biss huwa spjega li dan l-ammont ma kienx talbu huwa iżda gie infurmat mis-Surmast Joseph Grech li kien hemm individwu li lest li jħallsu dak l-ammont u huwa aċċetta. B'daqshekk ma jfissirx li s-surmast bigħ id-dritt tal-awtur fuq l-istess marċ.

"Għaldaqstant permezz tal-iskrittura mertu tal-vertenza odjerna s-soċjetà rikorrenti ngħatat biss id-dritt li ddoqq l-istess marċ iżda mhux id-drittijiet tal-awtur.

"[... ... ...].

"Illi fil-każ in diżamina s-soċjetà attriċi *nonostante* dak li sostniet matul il-kawża li permezz tal-iskrittura privata kien hemm l-intenzjoni li jiġu akkwistati anki d-drittijiet tal-awtur fuq il-marċ dan mhux minnu. Ibda biex kif diġà ġie rilevat jirriżulta mill-istess skrittura li s-Surmast Sammut apparti li rabat lill-istess banda li fil-festa ta' San Ġorġ, Rabat, Għawdex, ma kellhiex iddoqq il-marċ però huwa żamm ċertu forma ta' kontroll fuq l-istess marċ. Infatti s-Surmast Sammut wara l-iffirmar ta'

dik l-iskrittura seta' jittrasferixxi l-marċ lil baned Maltin kif fil-fatt għamel u l-Banda Mnarja ma ħadet l-ebda passi kontra dawn il-baned. Fl-istess skrittura mkien ma jissemma li s-Surmast Sammut kien qiegħed ibigħ id-drittijiet tal-awtur. Għalhekk is-soċjetà rikorrenti ma tistax issostni la li kellha titolu tajjeb u lanqas li kienet in bona fidi. Mhux kontestat li l-Banda Mnarja, wara l-iffirmar ta' l-iskrittura tal-1992, bdiet iddoqq dan il-marċ kull sena fil-festa. Huwa minnu wkoll li l-ebda banda, inkluż il-Banda Leone, ma ddisturbawha milli ddoqq l-istess marċ. Madankollu rriżulta wkoll li anki l-Banda Leone, wara l-iffirmar tal-iskrittura, kienet iddoqq dan il-marċ u anki rrekordjatu. Tant is-soċjetà attriċi kienet taf li permezz tal-iskrittura hija akkwistat biss id-dritt li ddoqq dan il-marċ li ma ħadet l-ebda passi kontra l-banda konvenuta. *Inoltre* lanqas il-partitura oriġinali ma kienet fil-pussess tagħha u dan huwa sinifikattiv ukoll.

"Illi ladarba qiegħed jiġi deċiż li l-banda attriċi għandha biss id-dritt li ddoqq il-marċ mertu tal-kawża odjerna u m'akkwistatx id-drittijiet tal-awtur fuq l-istess u rriżulta li s-Surmast Sammut għadda d-drittijiet tal-awtur tal-istess marċ permezz tal-kuntratt pubbliku tal-5 ta' Ġunju 2010 lill-banda konvenuta, m'hemmx lok li din il-qorti teżamina l-kumplament tal-eċċezzjonijiet imressqa mill-istess banda konvenuta."

"4. L-għaqda attriċi appellat minn din is-sentenza b'rikors tal-20 ta' Ottubru 2011 li għalih l-attriċi wieġbet fis-17 ta' Novembru 2011. L-aggravju ewlieni tal-attriċi hu illi l-kliem tal-ftehim tad-29 ta' Jannar 1992 bejnha u s-Surmast Sammut huwa ċar u għalhekk, kif igħid u jrid l-art. 1002 tal-Kodiċi Ċivili, "ma hemmx lok għal interpretazzjoni" u, f'kull każ, l-interpretazzjoni li għamlet l-ewwel qorti kienet ħażina. Aggravju ieħor huwa illi l-kuntratt pubbliku tal-5 ta' Ġunju 2010 bejn l-istess Surmast Sammut u l-għaqda konvenuta ma kellux l-effett illi jgħaddi d-drittijiet tal-awtur lill-konvenuta.

**Dwar l-interpretazzjoni tal-kitba privata tad-29 ta' Jannar 1992**

"5. L-attriċi fissret hekk l-aggravju tagħha dwar l-interpretazzjoni tal-ftehim tad-29 ta' Jannar 1992 bejnha u s-Surmast Sammut:

"... ... ... id-diċitura ta' din l-iskrittura hija ċara, diretta, inekwivoka u f'dan is-sens ċertament għandha twassal biex ma tingħatax interpretazzjoni diversa minn dak li l-kliem użat kjarament intenda.

"Hu sinifikattiv f'dan is-sens illi l-kuntrattazzjoni magħmula:-

"● titkellem fuq bejgħ tal-marċ brijuż innfisu u mhux fuq it-trasferiment ta' xi drittijiet li dan jindaqq biss;

"● *trattasi* [*sic*] l-partijiet kontraenti ta' minn naħa ta' maestro tal-mużika u min-naħa l-oħra ta' soċjetà filarmonika, li t-tnejn li huma igħixu intensament id-dinja tal-marċi u l-proċeduri partikolari li jiggwidaw ir-relazzionijiet bejn awturi u soċjetajiet; bejn soċjetajiet innifishom u bejn kull minn hu direttament involut f'dan l-ambjent – mit-tifel li jżomm in-noti tal-mużika sal-maestro li jidderiġi kollox – u għalhekk jafu sew u ben tajjeb id-differenza bein li tbigħ marċ u li tittrasferixxi biss id-dritt li jindaqq;

“● timporta prezz illi, kif irriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, kien għoli ferm għal dak iż-żmien meta biex takkwista dritt biss ta' daqq ta' marċ, il-*going rate* fiż-żmien tal-kuntratt kienet bejn il-Lm5.00 u l-Lm10.00;

“● timporta biss vinkolu wieħed fuq l-akkwirent – dak li l-marċ in kwistjoni ma jindaqqx fil-Festa ta' San Ġorġ, Għawdex;

“● jindika akkwiżizzjoni ta' drittijiet fuq territorju definit – dak ta' Għawdex, tant illi espressament il-Maestro Sammut intrabat illi f'Għawdex ma jtih lil ħadd aktar.

“[... ... ...].

“Illi huwa ċar illi l-intenzjoni da parti tal-appellanti kienet kjarament illi tixtri l-proprjetà ta' dan il-marċ, u għalhekk fil-fatt kienet resqet għal dan il-ftehim tad-19 ta' Jannar 1992 tant li kienet lesta li tħallas (kif fil-fatt għamlet) prezz ferm aktar għoli mill-prezz li normalment kien jitħallas dak iż-żmien għas-sempliċi użu. [... ... ...].

“Illi f'dan is-sens ukoll tinftiehem [*recte*, tiftehem] l-obbligazzjoni espresso[1] tal-awtur illi f'Għawdex (*trattandosi* ta' akkwiżizzjoni ta' dritt-ijiet territorjali) huwa ma jagħti dan il-marċ lil ħadd. Kieku kien verament qiegħed jagħti biss id-dritt li l-marċ jindaqq mill-Banda Mnarja, ċertament illi ma la kien jinħtieġ u l-anqas ma kien hemm lok li dan jintrabat li ma jagħtih lil ħadd iktar.”

“6. Fit-tweġiba tagħha l-konvenuta tgħid illi din il-qorti ma għandhiex “leġġerment u mingħajr ebda raġuni valida tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel qorti fl-apprezament tal-fatti” għax din il-qorti ma kellhiex “l-opportunità tal-qorti tal-ewwel grad li tisma' x-xhieda *viva voce*: huwa dan li jpoġġi lill-ewwel qorti f'qagħda aktar favorevoli biex tifforma opinjoni obbjettivament korretta tal-kredibilità *o meno* tagħhom, vantaġġ li Qorti tal-Appell normalment ma jkollhiex”.

“7. Fil-każ tallum, iżda, il-kwistjoni ma hijiex jekk xhieda jitwemmnux jew le; il-kwistjoni hija dwar l-interpretazzjoni u l-effett ta' dokument legali, ħaġa li taqa' fil-kompitu ta' din il-qorti bħala qorti ta' reviżjoni.

“8. Dwar il-meritu mbagħad tal-aggravju, il-konvenuta tkompli hekk:

“Is-soċjetà appellanta tikkontendi li bis-saħħa tal-ftehim tal-1992 hija kienet akkwistat id-drittijiet tal-awtur fuq il-marċ *Letter A*. Tqis ukoll għalhekk li l-ewwel qorti kienet skorretta meta waslet għal konklużjoni differenti. Tali skrittura però – tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-kaz u ta' dak li xehdu d-diversi xhieda fosthom is-Surmast Sammut innifsu – ma tista' qatt twassal għal din il-konklużjoni. Dan għal diversi ragunijiet:

“(a) Is-Surmast Sammut innifsu jistqarr li fid-diskussjonijiet li kienu nżammu bejn il-partijiet fl-ebda ħin ma ntqal jew ġie diskuss li bil-ftehim kienu sejrin jiġu trasferiti d-drittijiet ta' awtur fuq il-marċ. [... ... ...].

“(b) Il-limitazzjoni li impona s-Surmast Sammut, u *cioè* li l-marċ ma setax jindaqq fil-festa ta' San Ġorġ kif wkoll l-obbligu li f'Għawdex

[1] Mhux *cappuccino*.

huwa ma jagħtih lil ħadd aktar, ma jistgħux jiġu kunsidrati bħala li kienu aċċessorji għall-fatt li kienu qegħdin jiġu trasferiti d-drittijiet tal-awtur. Kif ġà aċċennat il-festa ta' San Ġorġ m'għandhiex territorju partikolari definit u li huwa esklussiv għaliha. Fit-tieni lok, Malta u Għawdex huma territorju u pajjiż wieħed u ma teżisti l-ebda distinzjoni bejn iż-żewġ gżejjer. Fit-tielet lok, jekk verament kienu qegħdin jiġu trasferiti d-drittijiet tal-awtur ma kien ikun hemm l-ebda ħtieġa li s-surmast jobbliga ruħu li huwa ma jittrasferixxix dan il-marċ lil baned oħra Għawdxin. Dan għaliex b'mod awtomatiku d-drittijiet fuq il-marċ kienu sejrin jkun vestiti direttament fuq is-soċjetà appellanta. Huwa sottomess li dawn il-kundizzjonijiet huma aktar indikattivi li s-Surmast Sammut żamm kontroll fuq l-istess marċ u li għalhekk ma kienx qiegħed iċedi d-drittijiet tiegħu lil terzi. Konferma oħra toħroġ mill-fatt li, wara l-1992, is-Surmast Sammut ta d-dritt lil żewġ baned oħra biex iddoqqu dan il-marċ: "Dan il-marċ wara n-*ninety two* bigħejtu lil xi żewġ baned oħra, mingħalija Marsaxlokk jew Marsascala, u Ħal Qormi ta' San Bastjan".

"(ċ) It-teżi li l-Banda Mnarja kienet akkwistat l-esklusività u l-proprjetà assoluta fuq dan il-marċ għaliex ħallset is-somma ta' Lm 100 (€232.94) għal dan il-marċ – somma li skont hi kienet relativament għolja – m'hi xejn ħlief sempliċi supposizzjoni li m'għandha l-ebda fundament legali. Kuntrarju għall-impressioni li ipprova jagħti Peter Paul Portelli fix-xiehda tiegħu, il-prezz ta' mitt lira Maltin (Lm 100) ma ntalabx mis-Surmast Sammut. Ġie offrut lilu mill-Banda Mnarja stess: [... ... ...]. Difatti hekk kif jixhed is-Surmast Joseph Grech, l-ewwel darba li sar il-kuntatt għall-akkwist tal-marċ, ma tkellmux fuq prezz; dan żgur li kien ikun iċ-ċentru tad-diskussjoni sa mill-ewwel laqgħa jekk kien hemm l-intenzjoni li jiġu trasferiti d-drittijiet kollha fuq l-istess marċ. Fit-tieni lok ma hemm ebda prova li l-prezz ta' €232.94 (Lm100) kien wieħed pjuttost għoli imma din hija sempliċi asserzjoni da parti tal-appellanta.

"(d) Kuntrarju għas-soċjetà appellata, is-soċjetà Mnarja ma kinitx ingħatat il-partitura oriġinali tal-marċ iżda biss il-partijiet. [... ... ...].

"(e) Tant kemm is-soċjetà appellata kellha drittijiet fuq dan il-marċ li fl-1969 hija stess kienet għaddietu lis-soċjetà Mnarja sabiex hija ddoqq dan il-marċ fil-festa ta' Santa Marija. [… ... ...].

"(f) Is-soċjetà Leone kienet akkwistat id-dritt li ddoqq dan il-marċ ferm qabel is-Soċjetà Filarmonika Mnarja u għalhekk id-dritt tas-soċjetà appellata kien jippreċedi dak tas-Soċjetà Mnarja. Is-Surmast Sammut inniffsu jikkonferma kif hu kien għadda dan il-marċ lis-Soċjetà Leone fl-1968 u f'dik l-okkażjoni kien anke għadda l-partitura oriġinali. [... ... ...].

"(g) L-għotja li kien għamel is-Surmast Sammut fl-1968 qatt ma ġiet revokata minnu. Minkejja li x-xhud Peter Paul Portelli jistqarr li s-Surmast Sammut kien żamm lis-soċjetà appellata milli ddoqq il-marċ *Letter A*, dan xejn ma irriżulta minnu. Anzi l-istess Surmast Sammut jikkontradixxi dak li stqarr Portelli: [... ... ...]."

"9. Wara li qieset sew dak li jgħidu l-partijiet u dak li tgħid il-kitba tad-29 ta' Jannar 1992, din il-qorti ma tistax ma taqbilx mal-attriċi illi l-

ħsieb illi joħroġ mill-ftehim huwa ċar, u ma jista' jfisser xejn ħlief illi l-attriċi kienet qiegħda tikseb il-jeddijiet kollha fuq il-kompożizzjoni ħlief dawk li espressament kienu esklużi.

"10. Il-kelma '*bejgħ*' fit-tifsira normali u populari tagħha – u li, meta tqis illi l-kitba ma saritx minn professjonista legali, kienet ċertament it-tifsira li kellhom f'moħħhom il-partijiet – timplika illi l-bejjigħ qiegħed igħaddi lix-xerrej il-jeddijiet kollha tiegħu fuq il-ħaġa mibjugħa. Il-konvenuta tgħid illi "l-użu tal-kelma '*bejgħ*' fit-trasferiment ta' marċijiet hija minnha innifisha kelma infeliċi"; fil-fatt, l-għażla tal-kelma sservi biex turi l-ħsieb ċar tal-partijiet, u hija infeliċi biss għat-teżi tal-konvenuta.

"11. Fil-każ tallum il-bejgħ sar b'riserva: illi mit-trasferiment ta' drittijiet ġie eskluż id-dritt li l-marċ jindaqq fil-Festa ta' San Ġorġ fir-Rabat, Għawdex, u ġie eskluż ukoll kull dritt fuq il-marċ barra minn Għawdex. Din l-aħħar esklużjoni ġiet espressa permezz ta' obbligazzjoni tal-awtur – li ntrabat "li f'Għawdex ma ntih lil ħadd aktar" – meta li kieku l-kitba saret minn professjonist legali x'aktarx illi kienet tiġi espressa f'termini aktar speċifiċi ta' esklużjoni mit-trasferiment ta' drittijiet barra minn Għawdex. It-tifsira iżda hija l-istess: l-awtur ma jistax jgħaddi drittijiet fuq il-marċ relativi għal Għawdex għax dawk id-drittijiet issa "bigħhom" lill-attriċi. Il-fatt illi, kif tgħid il-konvenuta, "Malta u Għawdex huma territorju u pajjiż wieħed" għandu relevanza għad-dritt internazzjonali pubbliku iżda ma jeskludix illi jingħataw drittijiet għal parti mit-territorju u mhux għal parti oħra.

"12. Il-fatt ukoll illi l-awtur żamm xi drittijiet fuq il-kompożizzjoni tiegħu ma jfissirx illi dawk id-drittijiet li ma żammx ma għaddihomx lill-attriċi. Dak li ma ġiex eskluż huwa inkluż: la 'nbigħ' il-marċ, id-drittijiet kollha relativi ħlief dawk espressament esklużi 'nbigħu' miegħu għax *access-orium sequitur principale*. Għalhekk l-argument tal-konvenuta illi wara l-1992 l-awtur reġa' bigħ il-marċ lill-baned ta' Marsaxlokk jew Marsa-skala u Ħal Qormi – żewġ baned f'Malta – ma hux inkompatibbli mal-premess.

"13. Il-konvenuta iżda tgħid ukoll illi hija għandha dritt *prior in tempore* għax l-awtur kien taha drittijiet fuq il-marċ fl-1968. Dik l-għotja ma saritx bil-miktub, iżda l-awtur, fi kliem il-konvenuta, "ikkristalizza l-għotja" b'kuntratt pubbliku tal-5 ta' Ġunju 2010 bejnu u l-għaqda konvenuta.

"14. Fl-1968, meta l-konvenuta suppost kisbet il-marċ bis-saħħa tal-"għotja" magħmula mill-awtur, it-trasferiment ta' drittijiet tal-awtur, fost-hom drittijiet tal-awtur fuq xogħlijiet mużikali, kien regolat bl-art. 12 tal-Att tal-1967 dwar Drittijiet tal-Awtur ["Kap. 196"]:

> "**12.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, id-drittijiet tal-awtur ikunu trasmessi b'ċessjoni, b'disposizzjoni testamentarja, jew bis-saħħa ta' liġi, bħal proprjetà mobbli.

> "(2) Ċessjoni jew disposizzjoni testamentarja ta' drittijiet tal-awtur tista' tkun limitata b'mod li tapplika għal parti biss mill-atti li l-proprjetarju tad-drittijiet tal-awtur għandu d-dritt esklużiv li jikkontrolla, jew għal parti biss tal-perijodu tad-drittijiet tal-awtur, jew għal pajjiż speċifikat jew area oħra ġeografika.
>
> "(3) Ebda ċessjoni ta' drittijiet tal-awtur u ebda liċenza biex jintgħamel att li l-għemil tiegħu huwa kontrollat minn drittijiet tal-awtur ma jkollha effett jekk ma tkunx bil-miktub:"

"15. Il-fatt illi l-għotja tal-1968 ma kinitx bil-miktub ifisser illi ma kellha ebda effett, għallinqas quddiem terzi. Il-fatt imbagħad illi l-għotja ġiet "kristallizzata" bil-miktub fl-2010 ma tahiex effett retro-attiv għax fl-2010 l-awtur ma setax jerġa' jiddisponi minn drittijiet li kien ġà għadda lill-attriċi fl-1992. Għall-għanijiet tal-kawża tallum l-"għotja" tal-1968 ma għandha ebda effett u l-kuntratt tal-2010 ma jibdilx il-pożizzjoni legali.

"16. Għal dawn ir-raġunijiet din il-qorti hija tal-fehma illi s-sentenza appellata għandha titħassar.

"17. Fost l-eċċezzjonijiet li l-għaqda konvenuta kienet ressqet għat-talbiet tal-attriċi kien hemm eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ta' tletin sena (it-tielet eċċezzjoni) u eċċezzjoni ta' nuqqas ta' esklusività tad-drittijiet tal-attriċi. Dawn l-eċċezzjonijiet igħidu hekk:

> "3. Illi s-soċjetà intimata ilha fil-pussess ta' dan il-marċ *in buona fede,* b'mod kontinwu, mhux miksur, paċifiku, pubbliku u mhux ekwivoku għal perjodu ta' aktar minn tletin (30) sena. Dan għar-raġuni li kellha l-partitura oriġinali tal-marċ u ilha ddoqq dan il-marċ b'mod regolari u fil-pubbliku sa mill-elf disa' mija u tmienja u sittin (1968) fil-festa ta' Santa Marija organizzata minnha stess kif ukoll f'festi oħra f'Malta u Għawdex. Is-soċjetà kompliet tagħmel hekk ukoll wara d-data tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Jannar 1992, wara li dan il-marċ allegata-ment ġie akkwistat mis-soċjetà rikorrenti, u l-istess soċjetà rikorrenti qatt ma opponiet jew b'xi mod ieħor ippruvat twaqqaf lis-soċjetà intimata milli ddoqq dan il-marċ wara l-elf disa' mija u tnejn u disgħin (1992), [... ... ...]; u għalhekk fuq naħa hija akkwistat id-drittijiet tal-awtur fuq dan il-marċ bil-preskrizzjoni akkwisittiva trentennali, u fuq in-naħa l-oħra kull dritt illi talvolta kien jispetta lil xi terza persuna kwalsiasi illi tipprova tipprojbixxi lilha milli ddoqq dan il-marċ intilef bil-preskrizzjoni trentennali, u dan fit-termini tal-artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili;
>
> "5. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, anke jekk għall-pura grazzja tal-argument wieħed kellu jikkonċedi li s-soċjetà rikorrenti hija l-proprjetarja tal-marċ in kwistjoni u per konsegwenza tgawdi d-drittijiet tal-awtur fuq dan il-marċ, tali drittijiet tal-awtur ma jipprekludux lis-soċjetà intimata milli ddoqq dan il-marċ fil-pubbliku. Dan għar-raġuni li fit-termini tal-artikolu 9(1)(*g*) tal-Kap. 415, id-drittijiet tal-awtur ma jinkludux il-projbizzjoni tat-twettiq, daqq jew wiri ta' xogħol f'post fejn ma jitħallas ebda dritt ta' dħul għal dan l-att minn xi *club* li l-iskop tiegħu ma jkunx li jagħmel qligħ;"

"18. L-ewwel qorti, minkejja dak li jgħid l-art. 730 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, ma iddeċidietx l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni u ma iddeċidietx ukoll il-ħames eċċezzjoni; minflok, iddeċidiet illi "tastjeni milli tieħu konjizzjoni" ta' dawn l-eċċezzjonijiet, naturalment għax, wara li ċaħdet it-talbiet tal-attriċi, ma baqgħetx meħtieġa deċiżjoni dwar dawk l-eċċezzjonijiet. Fid-dawl ta' dan l-għaqda konvenuta qalet hekk fit-tweġiba tagħha għall-appell:

> "[... ... ...] f'każ li din l-onorabbli qorti tiddeċiedi li tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, din l-onorabbli qorti ma tistax tgħaddi biex tiddeċiedi l-każ hija stess. Dan għar-raġuni li l-ewwel qorti ma ħaditx konjizzjoni tat-tielet u l-ħames eċċezzjonijiet u għalhekk jekk din il-qorti tiddeċiedi dawn l-eċċezzjonijiet hija stess is-soċjetà appellata tkun ġiet imċaħħda mill-benefiċċju tad-*doppio esame*."

"Għalkemm ma taqbilx mal-konvenuta illi din il-qorti "ma tistax tgħaddi biex tiddeċiedi l-każ hija stess", madankollu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum, fejn għall-għanijiet tal-eċċezzjoni huwa meħtieġ eżami ta' fatti li seħħew fuq firxa ta' aktar minn tletin sena, u wkoll fid-dawl tat-talba tal-konvenuta, il-qorti hija tal-fehma illi jkun aktar għaqli illi l-atti jintbagħtu lura lill-ewwel qorti sabiex, eventwalment, ikun jista' jsir l-eżami doppju tal-fatti u tal-konklużjonijiet legali li jinstiltu minn dawk il-fatt.

"19. Il-qorti għalhekk tipprovdi dwar l-appell billi tħassar is-sentenza appellata u tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex din tiddeċiedi dwar it-talbiet tal-attriċi wara li tqis it-tielet u l-ħames eċċezzjonijiet tal-konvenuta.

"20. L-ispejjeż tal-kawża jkunu regolati fis-sentenza finali, iżda l-ispejjeż ta' dan l-appell tħallashom il-konvenuta.

Is-socjeta` ritrattandi, is-socjeta` Filarmonika Leone, issa resqet dawn il-proceduri fejn qed titlob li s-sentenza tigi ritrattata fuq allegazzjoni li (i) fis-sentenza attakkata hemm dispozizzjonijiet konta xulxin, (ii) li hemm applikazzjoni hazina fil-ligi fuq tliet binarji, u (iii) li fis-sentenza gie moghti izjed minn dak li ntalab.

Qabel ma jigu trattati dawn l-aggravji, huwa mehtieg li jigi ezaminat l-irritwalita` tal-procedura peress li l-kawza ghada pendenti u allura qed jinghad li ma tistax tigi mismugha mill-gdid f'dan l-istadju.

Dan huwa pregudizzju sollevat *ex officio* minn din il-Qorti u jolqot il-prosegwiment tas-smigh ta' dawn il-proceduri.

Din il-Qorti gia` iddecidiet fil-kawza **Spiteri v. Spiteri** deciza fil-31 ta' Mejju, 2013, li ma hux possibbli li jkollok ritrattazzjoni wara sentenza in parte. Intqal hekk a propozitu fl-imsemmija sentenza:

> "L-Artikolu 811 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jiddisponi b'mod car li hi l-"kawza" li tista' tigi ritrattata u mhux sentenza, u biex kawza tinghad li giet definita, jehtieg sentenza finali fuq il-meritu kollu tal-istess kawza. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Mifsud Bonnici v. Scicluna**, deciza fis-26 ta' April, 1993,
>
> "*Ir-ritrattazzjoni hija tal-kawza u meta l-kawza ghadha qed tigi trattata ma tistax tigi ritrattata.*"
>
> "Hu veru li, f'dik il-kawza, ir-ritrattazzjoni kienet qed tintalab ta' sentenza fuq eccezzjoni preliminari, pero`, il-principju hu l-istess meta si tratta minn sentenza preliminari li tolqot biss parti mill-meritu tat-talbiet attrici. Kif osservat din il-Qorti fis-sentenza msemmija, ma tistax tintalab ritrattazzjoni ta' decizjoni meta "*l-atti taghha qeghdin quddiem qorti ohra*". Is-sentenza li tat din il-Qorti fil-25 ta' Novembru, 2011, ma ddisponietx mill-kawza, u allura ma hemm lok ghal ebda ritrattazzjoni (ara wkoll **Mamo noe v. Axisa et**, deciza minn din il-Qorti fis-16 ta' Dicembru, 2003 u **Rodo et v. Grech et**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Mejju, 2009, fejn intqal illi "*erronea hija s-sottomissjoni tar-ritrattandi li ritrattazzjoni tista' tintalab kemm ta' sentenza finali izda, anke ta' sentenza parzjali*", u cahdet talba ghar-ritrattazzjoni "*ta' sentenza li ddecidiet il-kawza in parte*").
>
> "Is-sentenza issa impunjata ma wasslitx ghat-tmiem tal-kontroversja bejn iz-zewg partijiet, u l-kawza ghadha pendenti quddiem qorti tal-ewwel istanza. Ir-ritrattazzjoni tista' tintalab biss fil-kaz ta' kawza deciza fil-meritu b'sentenza ta' din il-Qorti li tkun ghaddiet in gudikat – *quando terminat negotium de quo agitur*. F'dan il-kaz, il-kwistjoni bejn il-partijiet li tolqot il-validita` taz-zwieg taghhom ghadha pendenti u ghadha qed tigi mistharrga mill-qorti kompetenti."

Anke f'dan il-kaz, ma hemmx sentenza finali fuq il-meritu kollu tal-istess kawza. Qari tas-sentenza attakkata juri bic-car li l-kawza ghadha mhux

deciza. Is-socjeta` ritrattandi taccetta li ghad hemm kwistjonijiet li ghadhom ma gewx decizi (bhall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni), u din il-Qorti taqbel li ma jezistix rimedju ta' ritrattazzjoni ta' sentenza li iddecidiet il-kawza in parte.

L-argument li l-ispiritu tal-ligi hu li kull sentenza li hi ta' natura finali hija ritrattabbli ma jregix, peress li din ma hijiex dicitura li uzat il-ligi. Meta dahal fil-ligi l-istitut ta' ritrattazzjoni, kien gia` possibbli ghall-qrati li jaghtu sentenzi in parte, ciononostante il-Legislatur ried u hekk illegizla li r-rimedju jkun disponibbli biss meta l-kawza tigi deciza u mhux meta tinghata sentenza parzjali, anke jekk finali.

Ghall-motivi premessi, tiddikjara r-rikors tas-socjeta` konvenuta tat-28 ta' Awwissu, 2015, irritu u null, u konsegwentement tichad it-talba ghal ritrattazzjoni kif dedotta, bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

Tordna li l-inkartament marbut ma' din il-procedura jigi rinvjat lill-ewwel Qorti sabiex il-kawza tkompli tinstema' u tigi deciza.

| | | |
|---|---|---|
| Tonio Mallia<br>Agent President | Joseph Azzopardi<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df